Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2326

20.11.2025

# PROTOKOLL EMENDATORJU GĦALL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR L-ISKAMBJU AWTOMATIKU TA' INFORMAZZJONI DWAR KONTIJIET FINANZJARJI SABIEX TITTEJJEB IL-KONFORMITÀ FISKALI INTERNAZZJONALI

L-UNJONI EWROPEA

u

L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iżvizzera",

it-tnejn li huma, minn hawn 'il quddiem imsejħin, individwalment, "Parti Kontraenti" u, flimkien, "Partijiet Kontraenti",

BILLI l-Partijiet Kontraenti għandhom relazzjoni twila u mill-qrib fir-rigward tal-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali, li kienet tikkonsisti, inizjalment, fl-applikazzjoni ta' miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE ([1]), u li aktar tard ġiet żviluppata fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ([2]) ("il-Ftehim"), kif emendat bil-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax ([3]), abbażi tal-iskambju awtomatiku reċiproku tal-informazzjoni bl-implimentazzjoni tal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) ("l-Istandard Globali"),

BILLI, wara l-ewwel rieżami komprensiv tal-Istandard Globali tal-OECD, ġew approvati emendi tal-Istandard Globali mill-Kumitat tal-OECD dwar l-Affarijiet Fiskali f'Awwissu 2022 u dawn ġew adottati mill-Kunsill tal-OECD fit-8 ta' Ġunju 2023 bir-Rakkomandazzjoni riveduta tiegħu dwar l-Istandards Internazzjonali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni fi Kwistjonijiet Fiskali ("l-aġġornament tal-Istandard Globali"),

BILLI r-rieżami komprensiv tal-OECD identifika l-kumplessità dejjem akbar tal-istrumenti finanzjarji u l-ħoloqien u l-użu ta' tipi ġodda ta' assi diġitali u rrikonoxxa l-ħtieġa li l-Istandard Globali jiġi adattat biex tiġi żgurata konformità fiskali komprensiva u effettiva,

BILLI l-aġġornament tal-Istandard Globali espanda l-ambitu tar-rapportar biex jinkludi prodotti finanzjarji diġitali ġodda, bħal Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati u Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali, li joffru alternattivi kredibbli għall-Kontijiet Finanzjarji tradizzjonali, li diġà huma soġġetti għar-rapportar skont l-Istandard Globali,

BILLI l-Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi ("CARF", Crypto-Asset Reporting Framework) il-ġdid tal-OECD, li ġie introdott b'mod parallel mal-aġġornament tal-Istandard Globali, iservi bħala mekkaniżmu komplementari fil-livell globali u huwa mfassal speċifikament biex jindirizza l-iżvilupp rapidu u t-tkabbir tas-suq tal-Kriptoassi,

BILLI kien meqjus li huwa essenzjali li tiġi żgurata interazzjoni effiċjenti bejn dawk iż-żewġ oqfsa, b'mod partikolari biex jiġu limitati każijiet ta' rapportar doppju, billi: (i) il-Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati u l-Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali jiġu esklużi mill-ambitu tal-CARF, minħabba l-kopertura tagħhom skont l-Istandard Globali aġġornat; (ii) il-Kriptoassi fl-ambitu tal-Istandard Globali aġġornat jitqiesu bħala Assi Finanzjarji għall-fini tar-rapportar ta' Kontijiet ta' Kustodja, Interessi ta' Ekwità jew Dejn f'Entitajiet tal-Investiment (ħlief f'każijiet ta' forniment ta' servizzi li jagħmlu tranżazzjonijiet ta' skambju għall-klijenti jew f'isimhom, li huma koperti skont il-CARF), investimenti indiretti fil-Kriptoassi permezz ta' prodotti finanzjarji tradizzjonali oħra jew prodotti finanzjarji tradizzjonali maħruġa fil-forma ta' kriptoassi; u (iii) tiġi prevista dispożizzjoni fakultattiva għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti biex iwaqqfu r-rapportar tar-rikavat gross għal assi li huma kklassifikati bħala Kriptoassi skont iż-żewġ oqfsa, meta tali informazzjoni tiġi rrapportata skont il-CARF, filwaqt li jkomplu jirrapportaw skont l-Istandard Globali l-informazzjoni l-oħra kollha, bħall-bilanċ tal-kont,

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax (ĠU UE L 157, 26.6.2003, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/48/oj).
([2]) ĠU EU L 385, 29.12.2004, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/911/oj.
([3]) ĠU EU L 333, 19.12.2015, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2015/2400/oj.

BILLI l-CARF ġie implimentat fl-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 ([4]), li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([5]), u dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026, u l-Iżvizzera hija impenjata li timplimenta l-CARF fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha u li tapplika dawk id-dispożizzjonijiet mill-istess data,

BILLI, bil-għan li jiġu limitati l-każijiet ta' rapportar doppju, il-Partijiet Kontraenti jenħtieġ li japplikaw id-delineazzjoni bejn il-Ftehim, il-CARF u d-Direttiva (UE) 2023/2226 b'mod konsistenti mad-delineazzjoni bejn l-Istandard Globali aġġornat u l-CARF,

BILLI, bil-għan li jittejbu l-affidabbiltà u l-użu tal-informazzjoni skambjata, l-aġġornament tal-Istandard Globali jintroduċi rekwiżiti tar-rapportar aktar dettaljati u proċeduri msaħħa tad-diliġenza dovuta,

BILLI l-aġġornament tal-Istandard Globali jżid kategorija ġdida "Kont Esklużˮ għall-Kontijiet ta' Kontribuzzjoni Kapitali u limitu *de minimis* għar-rapportar ta' Kontijiet Depożitarji li fihom Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati,

BILLI l-Kummentarji għall-aġġornament tal-Istandard Globali jinkludu kategorija fakultattiva ġdida "Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Rapportantiˮ għal Entitajiet Mingħajr Skop ta' Qligħ ġenwini li joperaw għall-benefiċċju tal-pubbliku ("Entitajiet Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikataˮ) u jordnaw li, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar iċ-ċirkomvenzjoni potenzjali tar-rapportar, l-applikazzjoni ta' dik l-għażla jenħtieġ li tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika adegwati għal kull Entità minn awtorità tal-ġuriżdizzjoni li fiha dik l-Entità tkun soġġetta għar-rapportar,

BILLI l-Iżvizzera tixtieq teżerċita l-għażla li tinkludi l-kategorija l-ġdida "Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikataˮ u tinsab fil-proċess li tistabbilixxi l-mekkaniżmi legali u amministrattivi biex tiżgura li kwalunkwe Entità li titlob l-istatus ta' "Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikataˮ tiġi kkonfermata li tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti qabel ma tali Entità tiġi ttrattata bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Rapportanti fl-Iżvizzera,

BILLI l-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2023/2226, mhux ser jeżerċitaw l-għażla li jinkludu l-kategorija l-ġdida "Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikataˮ, u l-istatus ta' Entità bħala "Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikataˮ fl-Iżvizzera mhux ser jaffettwa l-istatus ta' tali Entitajiet fl-Istati Membri, jekk dawk l-Entitajiet jitqiesu li huma Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti hemmhekk,

BILLI l-Istati Membri u l-Iżvizzera jixtiequ jiżguraw il-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT, value added tax) u l-irkupru tat-talbiet tal-VAT sabiex tiġi evitata n-nontassazzjoni u tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT,

BILLI l-Partijiet Kontraenti ser japplikaw il-liġijiet u l-prattiki rispettivi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data — b'mod partikolari, għall-Iżvizzera, l-Att Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-25 ta' Settembru 2020 ([6]) u l-Ordinanza tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2022 ([7]) u, għall-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) — għall-ipproċessar ta' data personali skambjata f'konformità mal-Ftehim u jimpenjaw ruħhom li jinnotifikaw lil xulxin mingħajr dewmien żejjed f'każ ta' kwalunkwe bidla fis-sustanza ta' dawk il-liġijiet u l-prattiki,

BILLI d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE ([9]) ddikjarat li, għall-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), l-Iżvizzera titqies li tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea,

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU EU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU EU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj).

([6]) RS 235.1.

([7]) RS 235.11.

([8]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU UE L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali pprovduta fl-Iżvizzera (ĠU KE L 215, 25.8.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2000/518/oj).

([10]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU KE L 281, 23.11.1995, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1995/46/oj).

BILLI r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2024 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE ([11]) jikkonferma li l-Iżvizzera qed tkompli tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea,

BILLI l-Istati Membri u l-Iżvizzera għandhom fis-seħħ: (i) salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tasal skont il-Ftehim tibqa' kunfidenzjali u tintuża biss mill-persuni jew mill-awtoritajiet ikkonċernati għall-finijiet tal-valutazzjoni, tal-ġbir, tal-irkupru, tal-infurzar, tal-prosekuzzjoni, tas-sorveljanza jew tad-determinazzjoni ta' appelli relatati mat-taxxi, kif ukoll għal kwalunkwe fini ieħor awtorizzat; u (ii) l-infrastruttura għal relazzjoni effettiva ta' skambju (inklużi proċessi stabbiliti biex jiġu żgurati skambji ta' informazzjoni f'waqthom, akkurati, siguri u kunfidenzjali, komunikazzjonijiet effettivi u affidabbli, u kapaċitajiet biex jissolvew minnufih mistoqsijiet u ħassib dwar skambji jew talbiet għal skambji u biex jiġu amministrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Ftehim),

BILLI l-ipproċessar ta' informazzjoni skont il-Ftehim huwa meħtieġ u proporzjonat għall-fini li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod korrett u inekwivoku lill-kontribwenti kkonċernati, jamministraw u jinfurzaw il-liġijiet tagħhom dwar it-taxxa f'sitwazzjonijiet transfruntiera, jivvalutaw il-probabbiltà li ssir evażjoni tat-taxxa u jevitaw aktar investigazzjonijiet mhux meħtieġa,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*ARTIKOLU 1*

Il-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji u l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali";**

(2) il-kliem introduttorju bejn it-titolu u l-kliem "FTIEHMU LI JIKKONKLUDU L-FTEHIM LI ĠEJ:" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-UNJONI EWROPEA

u

L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Iżvizzera',

it-tnejn li huma, minn hawn 'il quddiem imsejħin, individwalment, 'Parti Kontraenti' u, flimkien, 'Partijiet Kontraenti',";

(3) il-preambolu li ġej jiddaħħal qabel il-kliem "FTIEHMU LI JIKKONKLUDU L-FTEHIM LI ĠEJ:":

"BIL-GĦAN li jiġi implimentat l-Istandard tal-OECD għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji ('l-Istandard Globali'), f'qafas ta' kooperazzjoni li jqis l-interessi leġittimi taż-żewġ Partijiet Kontraenti,

BILLI l-Partijiet Kontraenti għandhom relazzjoni twila u mill-qrib fir-rigward tal-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali, li kienet tikkonsisti, inizjalment, fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004 (*) ('il-Ftehim dwar it-Tfaddil'),

BILLI l-Partijiet Kontraenti komplew jibnu fuq dik ir-relazzjoni billi kkonkludew il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax, magħmul fi Brussell fis-27 ta' Mejju 2015 (**) ('il-Protokoll Emendatorju tas-27 ta' Mejju 2015'), li ħoloq il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ('il-Ftehim dwar l-Istandard Globali'), abbażi tal-iskambju awtomatiku reċiproku tal-informazzjoni soġġett għal ċerti kunfidenzjalità u protezzjonijiet oħra, inklużi dispożizzjonijiet li jillimitaw l-użu tal-informazzjoni skambjata,

([11]) COM(2024) 7 final.

BILLI l-Protokoll Emendatorju tas-27 ta' Mejju 2015 issostitwixxa d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar it-Tfaddil filwaqt li żamm id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tiegħu dwar il-pagamenti tad-dividendi, tal-imgħax u tar-royalties bejn il-kumpaniji, u reġa' nnumerahom bħala l-Artikolu 9 tal-Ftehim dwar l-Istandard globali,

BILLI, wara l-ewwel rieżami komprensiv tal-Istandard Globali tal-OECD, dan tal-aħħar ġie aġġornat bir-Rakkomandazzjoni riveduta tal-Kunsill tal-OECD dwar l-Istandards Internazzjonali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni fi Kwistjonijiet Fiskali tat-8 ta' Ġunju 2023 ('l-aġġornament għall-Istandard Globali') billi, fost l-oħrajn, ġew integrati ċerti prodotti tal-flus elettroniċi u muniti diġitali tal-bank ċentrali fl-ambitu tar-rapportar skont l-Istandard Globali, fejn il-kriptoassi bdew jitqiesu bħala assi finanzjarji, filwaqt li ġie evitat ir-rapportar doppju mal-Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi, u ġew introdotti rekwiżiti tar-rapportar aktar dettaljati u proċeduri msaħħa tad-diliġenza dovuta,

BILLI, wara l-aġġornament tal-Istandard Globali, il-Ftehim dwar l-Istandard Globali ġie emendat permezz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, magħmul Brussell fl-20 ta' Ottubru 2025 ('il-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025'), li ċerti dispożizzjonijiet tiegħu kienu japplikaw b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2026 u li biddel it-titolu tal-Ftehim Standard Globali għal 'Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji u l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali' ('il-Ftehim'),

BILLI l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera, permezz tal-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025, xtaqu jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom fil-qasam tal-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u l-irkupru tat-talbiet tal-VAT sabiex tiġi evitata n-nontassazzjoni u tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT,

BILLI l-Partijiet Kontraenti ser japplikaw il-liġijiet u l-prattiki rispettivi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data — b'mod partikolari, għall-Iżvizzera, l-Att Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-25 ta' Settembru 2020 (***) u l-Ordinanza tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2022 (****) u, għall-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*****) — għall-ipproċessar ta' data personali skambjata f'konformità mal-Ftehim u jimpenjaw ruħhom li jinnotifikaw lil xulxin mingħajr dewmien żejjed f'każ ta' kwalunkwe bidla fis-sustanza ta' dawk il-liġijiet u l-prattiki,

BILLI d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE (******) ddikjarat li, għall-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*******), l-Iżvizzera titqies li tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea,

BILLI r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2024 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE (********) jikkonferma li l-Iżvizzera qed tkompli tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea,

BILLI l-Istati Membri u l-Iżvizzera għandhom fis-seħħ: (i) salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tasal skont il-Ftehim tibqa' kunfidenzjali u tintuża biss mill-persuni jew mill-awtoritajiet ikkonċernati għall-finijiet tal-valutazzjoni, tal-ġbir, tal-irkupru, tal-infurzar, tal-prosekuzzjoni, tas-sorveljanza jew tad-determinazzjoni ta' appelli relatati mat-taxxi, kif ukoll għal kwalunkwe fini ieħor awtorizzat. u (ii) l-infrastruttura għal relazzjoni effettiva ta' skambju (inklużi proċessi stabbiliti biex jiġu żgurati skambji ta' informazzjoni f'waqthom, akkurati, siguri u kunfidenzjali, komunikazzjonijiet effettivi u affidabbli, u kapaċitajiet biex jissolvew minnufih mistoqsijiet u tħassib dwar skambji jew talbiet għal skambji u biex jiġu amministrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Ftehim),

BILLI l-kategoriji ta' Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u Kont Rapportabbli koperti mill-Ftehim huma mfassla biex jillimitaw l-opportunitajiet għall-kontribwenti biex jevitaw li jiġu rrapportati billi jċaqilqu l-assi għal Istituzzjonijiet Finanzjarji jew jinvestu fi prodotti finanzjarji li huma barra mill-ambitu tal-Ftehim,

BILLI ċerti Istituzzjonijiet Finanzjarji u kontijiet li jippreżentaw riskju baxx li jintużaw għall-evażjoni tat-taxxa jenħtieġ li jiġu eskluży mill-ambitu tal-kategoriji ta' Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u Kont Rapportabbli koperti mill-Ftehim,

BILLI l-informazzjoni finanzjarja li hija meħtieġa tiġi rrapportata u skambjata jenħtieġ li tikkonċerna mhux biss l-introjtu rilevanti kollu (l-imgħax, id-dividendi u tipi simili ta' introjtu) iżda wkoll il-bilanċi tal-kontijiet u r-rikavat mill-bejgħ ta' Assi Finanzjarji, sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn kontribwent jipprova jaħbi kapital li fih innifsu jirrappreżenta introjtu jew assi li fir-rigward tagħhom tkun ġiet evaża t-taxxa,

BILLI l-ipproċessar ta' informazzjoni skont il-Ftehim huwa għalhekk meħtieġ u proporzjonat għall-fini li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod korrett u inekwivoku lill-kontribwenti kkonċernati, jamministraw u jinfurzaw il-liġijiet tagħhom dwar it-taxxa f'sitwazzjonijiet transfruntiera, jivvalutaw il-probabbiltà li ssir evażjoni tat-taxxa u jevitaw aktar investigazzjonijiet mhux meħtieġa,

(*) ĠU UE L 385, 29.12.2004, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/911/oj.
(**) ĠU UE L 333, 19.12.2015, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2015/2400/oj.
(***) RS 235.1.
(****) RS 235.11.
(*****) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU UE L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).
(******) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali pprovduta fl-Iżvizzera (ĠU KE L 215, 25.8.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2000/518/oj).
(*******) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU KE L 281, 23.11.1995, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1995/46/oj).
(********) COM(2024) 7 final.";

(4) fl-Artikolu 1(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"(m) it-terminu 'Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi' ifisser il-qafas internazzjonali għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fir-rigward tal-Kriptoassi (li jinkludi l-Kummentarji) żviluppat mill-OECD mal-pajjiżi tal-G20 u approvat mill-OECD fis-26 ta' Awwissu 2022.

(n) 'VAT' tfisser, għall-Unjoni Ewropea, it-taxxa fuq il-valur miżjud skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (*) jew, għall-Iżvizzera, it-taxxa fuq il-valur miżjud skont it-tifsira tal-Att Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (**).

(o) 'Stat' tfisser Stat Membru jew l-Iżvizzera.

(p) 'Stati' tfisser l-Istati Membri u l-Iżvizzera.

(q) 'uffiċċju ċentrali ta' kollegament' tfisser l-uffiċċju maħtur skont l-Artikolu 4c(1) li jkun responsabbli għall-kuntatti għall-applikazzjoni tat-Titolu 2.

(r) 'awtorità applikanti' tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament ta' Stat li jagħmel talba skont it-Titolu 2.

(s) 'awtorità li ssirilha t-talba' tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament li jirċievi talba skont it-Titolu 2.

(t) 'persuna', għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Titolu 2, tfisser:

(i) persuna fiżika;

(ii) persuna ġuridika;

(iii) meta l-leġiżlazzjoni fis-seħħ tipprevedi dan, assoċjazzjoni ta' persuni rikonoxxuta bħala li għandha l-kapaċità li twettaq atti legali iżda li ma għandhiex l-istatus legali ta' persuna ġuridika; jew

(iv) kwalunkwe arranġament legali ieħor, ta' kwalunkwe natura u tip, li għandu l-istatus legali ta' persuna ġuridika jew le, u li huwa soġġett għall-VAT jew li għalih għandhom jitħallsu t-talbiet imsemmija fl-Artikolu 4b;

(u) 'Kumitat Konġunt' tfisser il-kumitat li għandu r-responsabbiltà jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni xierqa tat-Titolu 2 skont l-Artikolu 4p;

(v) 'b'mezzi elettroniċi' tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u l-ħżin ta' data, u l-użu ta' wajers, trażmissjoni bir-radju, teknoloġiji ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħra.

---

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU UE L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

(**) RS 641.20.";

(5) l-intestatura li ġejja tiddaħħal wara l-Artikolu 1:

"TITOLU 1

**SKAMBJU AWTOMATIKU TA' INFORMAZZJONI";**

(6) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) is-subparagrafi (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) dawn li ġejjin:

(i) l-isem, l-indirizz, in-NIT(s) u d-data u l-post tat-twelid (fil-każ ta' individwu) ta' kull Persuna Rapportabbli li tkun Detentur ta' Kont tal-kont u jekk id-Detentur ta' Kont ikunx ipprovda awtoċertifikazzjoni valida;

(ii) fil-każ ta' kwalunkwe Entità li tkun Detentur ta' Kont u li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta b'mod konsistenti mal-Annessi I u II, tiġi identifikata bħala li għandha Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li hija Persuna Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, u n-NITs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, in-NIT(s) u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Rapportabbli, kif ukoll ir-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità u jekk tkunx ġiet ipprovduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull Persuna Rapportabbli; u

(iii) jekk il-kont huwiex kont konġunt, inkluż l-għadd ta' Detenturi ta' Kontijiet konġunti.

(b) in-numru tal-kont (jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' numru tal-kont), it-tip ta' kont u jekk il-kont huwiex Kont Preeżistenti jew Kont Ġdid;";

(ii) jitħassar it-terminu "u" fl-aħħar tas-subparagrafu (f);

(iii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara s-subparagrafu (f):

"(fa) fil-każ ta' kwalunkwe Interess ta' Ekwità miżmum f'Entità ta' Investiment li huwa arranġament legali, ir-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom il-Persuna Rapportabbli tkun detentur ta' Interess ta' Ekwità; u";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Minkejja l-paragrafu 2, is-subparagrafu (e), il-punt (ii), u sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tkunx għażlet mod ieħor skont it-Taqsima I(F) tal-Anness I fir-rigward ta' kwalunkwe grupp ta' kontijiet identifikat b'mod ċar, ir-rikavat gross mill-bejgħ jew mit-tifdija ta' Assi Finanzjarju ma jkunx meħtieġ li jiġi skambjat sa fejn tali rikavat gross mill-bejgħ jew mit-tifdija ta' tali Assi Finanzjarju jiġi skambjat mill-Awtorità Kompetenti tal-Iżvizzera mal-Awtorità Kompetenti ta' Stat Membru jew mill-Awtorità Kompetenti ta' Stat Membru mal-Awtorità Kompetenti tal-Iżvizzera skont il-Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi.";

(7) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Minkejja l-paragrafu 3, għal kontijiet li huma ttrattati bħala Kont Rapportabbli biss bis-saħħa tal-emendi ta' dan il-Ftehim magħmula mill-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025, u, fir-rigward tal-Kontijiet Rapportabbli kollha, għall-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi skambjata skont il-bidliet magħmula fl-Artikolu 2(2) skont dak il-Protokoll Emendatorju, l-informazzjoni għandha tiġi skambjata fir-rigward tal-ewwel sena mid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dak il-Protokoll Emendatorju u tas-snin kollha sussegwenti.

3b. Minkejja l-paragrafi 3 u 3a, fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jinżamm minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mill-31 ta' Diċembru ta' qabel id-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025 u għall-perjodi ta' rapportar li jintemmu sat-tieni sena kalendarja wara dik id-data, għandha tiġi skambjata informazzjoni fir-rigward tar-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom kull Persuna Rapportabbli hija Persuna Kontrollanti jew detentur ta' Interess ta' Ekwità tal-Entità fejn irrapportat mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'konformità mat-Taqsima I, is-subparagrafi A(1)(b) u A(6a), tal-Anness I.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Awtoritajiet Kompetenti ser jiskambjaw awtomatikament l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 2 fi skema ta' standard komuni ta' rapportar b'Extensible Markup Language bl-użu tas-Sistema ta' Trażmissjoni Komuni approvata mill-OECD jew kwalunkwe sistema xierqa ohra għat-trażmissjoni tad-data li tista' tiġi miftiehma fil-futur.";

(c) jitħassar il-paragrafu 5;

(8) it-titolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 4:

"TITOLU 2

**ASSISTENZA GĦALL-IRKUPRU**

*KAPITOLU 1*

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*ARTIKOLU 4a*

**Objettiv**

L-objettiv ta' dan it-Titolu huwa li jistabbilixxi qafas għall-assistenza għall-irkupru bejn l-Istati Membri u l-Iżvizzera, sabiex l-awtoritajiet li għandhom ir-responsabbiltà japplikaw il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT ikunu jistgħu jassistu lil xulxin biex jiżguraw il-konformità ma' dik il-leġiżlazzjoni u jħarsu d-dħul mill-VAT.

*ARTIKOLU 4b*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan it-Titolu jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-kooperazzjoni għall-irkupru tat-talbiet li ġejjin:

(a) it-talbiet relatati mal-VAT;

(b) il-penali amministrattivi, inklużi l-multi, it-tariffi u l-ħlasijiet addizzjonali, relatati mat-talbiet imsemmija fis-subparagrafu (a) imposti mill-awtoritajiet amministrattivi li għandhom il-kompetenza jimponu l-VAT jew iwettqu l-investigazzjonijiet amministrattivi b'rabta magħha, jew li kkonfermawhom il-korpi amministrattivi jew ġudizzjarji fuq talba ta' dawk l-awtoritajiet amministrattivi; u

(c) l-imgħax u l-kostijiet relatati mat-talbiet imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b).

2. Dan it-Titolu ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-assistenza għall-irkupru ta' talbiet fil-qasam tal-VAT bejn l-Istati Membri.

*ARTIKOLU 4c*

**Organizzazzjoni**

1. Kull Stat għandu jaħtar uffiċċju ċentrali ta' kollegament wieħed li jkun responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu tal-Ftehim. Sakemm jingħata avviż ulterjuri, l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament għall-Istati Membri huma l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament maħtura għall-assistenza għall-irkupru bejn l-Istati Membri. L-Iżvizzera għandha tikkomunika l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tagħha lill-Kumitat Konġunt.

2. Kull Stat għandu jinforma lill-Kumitat Konġunt bi kwalunkwe bidla rilevanti li tikkonċerna l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament maħtur. Il-Kumitat Konġunt għandu jikkomunika l-informazzjoni li jirċievi lill-Istati Membri u lill-Iżvizzera.

*KAPITOLU 2*

**SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI**

*ARTIKOLU 4d*

**Talba għal informazzjoni**

1. L-Artikolu 5(1), (2), (3) u (4) japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet ta' dan it-Titolu.

2. Talba għal informazzjoni għandha ssir bl-użu tas-Sistema ta' Trażmissjoni Komuni approvata mill-OECD jew ta' kwalunkwe sistema xierqa oħra għat-trażmissjoni tad-data li tista' tiġi miftiehma fil-futur.

*KAPITOLU 3*

**NOTIFIKA TAD-DOKUMENTI**

*ARTIKOLU 4e*

**Mezzi ta' notifika**

Awtorità kompetenti stabbilita fi Stat tista' tinnotifika kwalunkwe dokument, relatat ma' talba msemmija fl-Artikolu 4b jew mal-irkupru tagħha, direttament bil-posta, bil-posta rreġistrata jew b'mezzi elettroniċi lil persuna fi Stat ieħor li fit-territorju tiegħu japplika dan it-Titolu.

*KAPITOLU 4*

**MIŻURI TA' RKUPRU JEW TA' PREKAWZJONI**

*ARTIKOLU 4f*

**Talba għall-irkupru**

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tirkupra t-talbiet imsemmija fl-Artikolu 4b li huma s-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti. Talba għall-irkupru għandha ssir bl-użu tas-Sistema ta' Trażmissjoni Komuni approvata mill-OECD jew ta' kwalunkwe sistema xierqa oħra għat-trażmissjoni tad-data li tista' tiġi miftiehma fil-futur.

2. Malli kwalunkwe informazzjoni rilevanti relatata mal-każ, li tkun tat lok għat-talba għall-irkupru, issir magħrufa mill-awtorità applikanti, hija għandha tgħaddiha lill-awtorità li ssirilha t-talba.

*ARTIKOLU 4g*

**Kundizzjonijiet li jirregolaw talba għall-irkupru**

1. L-awtorità applikanti ma tistax tagħmel talba għall-irkupru jekk u sakemm it-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar tagħha jkunu kkontestati fl-Istat tal-awtorità applikanti, ħlief f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 4j(4), it-tielet subparagrafu.

2. Qabel ma l-awtorità applikanti tagħmel talba għall-irkupru,

(a) għandhom jiġu applikati l-proċeduri ta' rkupru xierqa disponibbli fl-Istat tal-awtorità applikanti, ħlief meta jkun ovvju li ma hemm l-ebda assi għall-irkupru f'dak l-Istat jew li t-tali proċeduri mhux ser iwasslu għall-ħlas sħiħ tat-talba, u l-awtorità applikanti jkollha informazzjoni li tindika li l-persuna kkonċernata għandha assi fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba; u

(b) għandha tintalab assistenza xierqa għall-irkupru disponibbli fl-Istat tal-awtorità applikanti minn ġuriżdizzjonijiet li huma obbligati jipprovdu assistenza għall-irkupru simili għal dan it-Titolu, jekk ikun hemm indikazzjoni ċara għall-assi disponibbli f'dik il-ġuriżdizzjoni u l-assistenza għall-irkupru x'aktarx li tirriżulta fil-ħlas sħiħ tat-talba.

Ir-rikors għal tali proċeduri ta' rkupru u assistenza għall-irkupru disponibbli fl-Istat tal-awtorità applikanti ma huwiex meħtieġ sa fejn dan iwassal għal diffikultà sproporzjonata.

*ARTIKOLU 4h*

**Strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba u dokumenti ta' akkumpanjament oħra**

1. Kwalunkwe talba għall-irkupru għandha tkun akkumpanjata minn strument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba. Dan għandu jikkostitwixxi l-unika bażi għall-miżuri ta' rkupru fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba, u l-ebda att ta' rikonoxximent, ta' supplimentar jew ta' sostituzzjoni ma għandu jkun meħtieġ f'dak l-Istat.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fl-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba.

2. It-talba għall-irkupru ta' talba għandha tkun akkumpanjata minn scan jew kopja tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant. Din tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra.

*ARTIKOLU 4i*

**Eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru**

1. Għall-finijiet tal-irkupru fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba, kwalunkwe talba li għaliha tkun saret talba għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba ta' dak l-Istat, ħlief meta jkun previst mod ieħor f'dan it-Titolu. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tagħmel użu mis-setgħat u l-proċeduri pprovduti skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dak l-Istat, ħlief meta previst mod ieħor f'dan it-Titolu.

2. L-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba ma għandux ikun obbligat jagħti lil talbiet li għalihom jintalab l-irkupru preferenzi li jingħataw lil talbiet simili li jitqajmu f'dak l-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba, ħlief meta jkun miftiehem mod ieħor jew meta jkun previst mod ieħor fil-liġi ta' dak l-Istat. Stat li, fl-eżekuzzjoni ta' dan it-Titolu, jagħti preferenzi lil talbiet li jitqajmu fi Stat ieħor ma jistax jirrifjuta li jagħti l-istess preferenzi lill-istess talbiet jew lil talbiet simili ta' Stati Membri oħrajn fir-rigward tal-istess kundizzjonijiet.

3. L-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba għandu jirkupra t-talba fil-munita tiegħu stess.

*ARTIKOLU 4j*

**Tilwim**

1. It-tilwim dwar it-talba, l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba u t-tilwim dwar il-validità ta' notifika li tkun għamlet awtorità applikanti għandu jaqa' taħt il-kompetenza tal-korpi kompetenti tal-Istat tal-awtorità applikanti. Jekk, matul il-proċedura ta' rkupru, it-talba, l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba jiġi kkontestat minn parti interessata, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinforma lil dik il-parti li tali azzjoni trid titressaq minn din tal-aħħar quddiem il-korp kompetenti tal-Istat tal-awtorità applikanti f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ hemmhekk.

2. Tilwim dwar miżuri ta' infurzar meħuda fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba, inkluż dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet biex tintbagħat talba għall-irkupru skont dan il-Ftehim, għandu jitressaq quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

3. Meta titressaq azzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità li ssirilha t-talba b'dan u għandha tindika l-punt sa fejn it-talba ma tkunx qed tiġi kkontestata.

4. Malli l-awtorità li ssirilha t-talba tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jew mingħand l-awtorità applikanti jew inkella mingħand il-parti interessata, hija għandha tissospendi l-proċedura tal-infurzar, sa fejn tkun ikkonċernata l-parti kkontestata tat-talba, sakemm il-korp kompetenti dwar din il-kwistjoni jkun iddeċieda u sakemm l-awtorità applikanti ma titlobx mod ieħor f'konformità mat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fuq talba tal-awtorità applikanti, jew fejn b'xi mod ieħor jitqies li jkun meħtieġ mill-awtorità li ssirilha t-talba, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4l, l-awtorità li ssirilha t-talba tista' tieħu miżuri ta' prekawzjoni sabiex tiżgura l-irkupru sa fejn ikunu jippermettu l-liġijiet jew ir-regolamenti applikabbli.

L-awtorità applikanti tista', f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat tagħha, titlob lill-awtorità li ssirilha t-talba biex tirkupra talba kkontestata jew il-parti kkontestata ta' talba, sa fejn ikunu jippermettu l-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba. Kwalunkwe talba bħal din għandha tkun motivata. Jekk, sussegwentement, ir-riżultat tal-kontestazzjoni jkun favur id-debitur, l-awtorità applikanti għandha tkun responsabbli għar-rimbors tas-somom kollha rkuprati flimkien ma' kwalunkwe kumpens li jkun dovut, f'konformità mal-liġijiet li jkunu fis-seħħ fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba.

Jekk l-Istat tal-awtorità applikanti u dak tal-awtorità li ssirilha t-talba jkunu nedew proċedura ta' ftehim reċiproku bejniethom, u l-eżitu tal-proċedura jkun jista' jaffettwa t-talba li għaliha tkun intalbet l-assistenza, il-miżuri ta' rkupru għandhom jiġu sospiżi jew jitwaqqfu sakemm tintemm dik il-proċedura, dejjem jekk din ma jkollhiex x'taqsam ma' każ ta' urġenza immedjata minħabba frodi jew insolvenza. Jekk il-miżuri ta' rkupru jiġu sospiżi jew jitwaqqfu, għandu japplika t-tieni subparagrafu.

*ARTIKOLU 4k*

**Emenda jew irtirar tat-talba għal assistenza għall-irkupru**

1. L-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità li ssirilha t-talba minnufih bi kwalunkwe emenda sussegwenti tat-talba tagħha għall-irkupru jew bl-irtirar tat-talba tagħha, filwaqt li tindika r-raġunijiet għall-emenda jew l-irtirar.

2. Jekk l-emenda tat-talba ssir minħabba deċiżjoni tal-korp kompetenti msemmi fl-Artikolu 4j(1), l-awtorità applikanti għandha tibgħat dik id-deċiżjoni flimkien ma' strument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba. L-awtorità li ssirilha t-talba mbagħad għandha tkompli twettaq aktar miżuri ta' rkupru fuq il-bażi tal-istrument uniformi rivedut.

Il-miżuri ta' rkupru jew ta' prekawzjoni li diġà kienu ttieħdu fuq il-bażi tal-istrument uniformi oriġinali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba jistgħu jitkomplew fuq il-bażi tal-istrument uniformi rivedut, sakemm l-emenda tat-talba ma tkunx dovuta għall-invalidità tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti jew għall-istrument uniformi oriġinali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba.

L-Artikoli 4h u 4j għandhom japplikaw għall-istrument uniformi rivedut.

*ARTIKOLU 4l*

**Talba għall-miżuri ta' prekawzjoni**

Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tieħu miżuri ta' prekawzjoni, jekk permessi mil-liġi nazzjonali tagħha u f'konformità mal-prattiki amministrattivi tagħha, sabiex tiżgura l-irkupru meta talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti jiġi kkontestat fil-mument meta ssir it-talba, jew meta t-talba tkun għadha ma hijiex is-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat tal-awtorità applikanti, sa fejn miżuri ta' prekawzjoni jkunu possibbli f'sitwazzjoni simili skont il-liġi u l-prattiki amministrattivi tal-Istat tal-awtorità applikanti.

Sabiex jingħata effett lil dan l-Artikolu, l-Artikolu 4f(2) u l-Artikoli 4i, 4j, u 4k għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

*ARTIKOLU 4m*

**Limiti fuq l-obbligi tal-awtorità li ssirilha t-talba**

1. L-awtorità li ssirilha t-talba ma għandhiex tkun obbligata tagħti l-assistenza prevista fl-Artikoli 4f sa 4l jekk it-talba inizjali għall-assistenza skont l-Artikoli 4d, 4f jew 4l issir fir-rigward ta' talbiet li ilhom aktar minn 5 snin, mid-data li fiha t-talba kkonċernata ma tkunx tista' tiġi kkontestata aktar fl-Istat tal-awtorità applikanti. Għat-talbiet ikkontestati, dan il-perjodu għandu jiġi kkalkolat mid-data li fiha t-tilwima tiġi deċiża bid-deċiżjoni finali.

Barra minn hekk, f'każijiet fejn l-Istat tal-awtorità applikanti jkun ippermetta li l-pagament jew il-pjan ta' pagament parzjali jiġi pospost, il-perjodu ta' ħames snin għandu jitqies li ma jibdiex qabel il-mument meta jkun intemm il-perjodu kollu tal-pagament. Madankollu, f'dawk il-każijiet, l-awtorità li ssirilha t-talba ma għandhiex tkun obbligata tagħti assistenza fir-rigward ta' talbiet li ilhom aktar minn 10 snin, li jibdew mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Stat ma għandux ikun obbligat jagħti l-assistenza jekk l-ammont totali tat-talbiet koperti minn dan it-Titolu, li għalihom tintalab l-assistenza għall-irkupru, ikun inqas minn ammont f'EUR li għandu jiġi ddeterminat mill-Kumitat Konġunt.

3. Sakemm il-Kumitat Konġunt ma jkunx adotta jew emenda xi limitu bħal dan, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi stabbilit għal:

(a) EUR 10 000, li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Titolu;

(b) EUR 5 000, dment li, fuq medja annwali ta' perjodu ta' 5 snin li jibda mill-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja, l-ebda Stat ma jkun irċieva aktar minn 200 talba għall-irkupru skont l-Artikolu 4f(1); inkella, il-limitu jibqa' ta' EUR 10 000.

Il-limitu ta' EUR 5 000 ser jiġi stabbilit għal EUR 10 000 jekk fuq medja annwali ta' perjodu ta' 5 snin li jibda fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja, Stat ikun irċieva aktar minn 250 talba għall-irkupru skont l-Artikolu 4f(1). Is-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu jista' jiġi applikat mill-ġdid minn hemm 'il quddiem.

Il-Kumitat Konġunt għandu jinforma lill-Istati Membri u lill-Iżvizzera bi kwalunkwe bidla fil-limitu applikabbli annwali.

4. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' talba għall-assistenza.

*ARTIKOLU 4n*

**Kwistjonijiet dwar il-preskrizzjoni**

1. Kwistjonijiet dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni għandhom ikunu rregolati biss mil-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikanti.

2. Kwalunkwe talba għall-miżuri ta' rkupru jew ta' prekawzjoni skont dan it-Titolu għandu jkollha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni għat-talbiet ikkonċernati sakemm l-awtorità li ssirilha t-talba tkun eżegwiet it-talba.

Is-sospensjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex taqbeż il-ħames snin mid-data li fiha tintbagħat it-talba għall-miżuri ta' rkupru jew ta' prekawzjoni.

3. Il-paragrafu 2 ma jaffettwax id-dritt tal-Istat tal-awtorità applikanti li jieħu miżuri li jkollhom l-effett li jissospendu, jinterrompu jew jestendu l-perjodu ta' preskrizzjoni f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ f'dak l-Istat.

*ARTIKOLU 4o*

**Kostijiet**

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tfittex li tirkupra mingħand il-persuna konċernata l-kostijiet marbutin mal-irkupru li hija tkun ġarrbet f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat tagħha u li żżomm dan l-ammont.

Barra minn hekk, l-awtorità li ssirilha t-talba tista' żżomm 5 % tal-ammont irkuprat, iżda mhux inqas minn EUR 500 u mhux aktar minn EUR 5 000.

2. L-Istati għandhom jirrinunzjaw għat-talbiet l-oħra kontra xulxin għar-rimborż tal-kostijiet li jirriżultaw minn kwalunkwe assistenza reċiproka li huma jagħtu lil xulxin skont dan it-Titolu.

Madankollu, meta l-irkupru joħloq problema speċifika jew ikun jinvolvi kostijiet kbar ħafna jew ikollu x'jaqsam mal-kriminalità organizzata, l-awtorità applikanti u l-awtorità li ssirilha t-talba jistgħu jiftiehmu bejniethom dwar arranġamenti speċifiċi tar-rimborż għall-każijiet ikkonċernati.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Istat tal-awtorità applikanti għandu jkun responsabbli jħallas lill-Istat tal-awtorità li ssirilha t-talba kwalunkwe kost u kwalunkwe telf imġarrab bħala riżultat ta' azzjonijiet meqjusa bħala bla bażi, sa fejn huma konċernati jew is-sustanza tat-talba jew il-validità tal-istrument li jippermetti l-infurzar u/jew il-miżuri ta' prekawzjoni maħruġa mill-awtorità applikanti.

*KAPITOLU 5*

**IMPLIMENTAZZJONI U APPLIKAZZJONI**

*ARTIKOLU 4p*

**Kumitat Konġunt**

1. Il-Partijiet Kontraenti b'dan qed jistabbilixxu Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni xierqa ta' dan it-Titolu.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jippromwovi l-għanijiet ta' dan it-Titolu u jadotta deċiżjonijiet:

(a) għall-adozzjoni ta' formoli standard għall-komunikazzjoni dwar talbiet skont dan it-Titolu u għall-istrumenti uniformi msemmija fl-Artikolu 4h(1) u fl-Artikolu 4k(2);

(b) dwar l-użu tal-lingwi fit-talbiet, l-istrumenti uniformi u f'formoli standard oħra użati għall-assistenza skont dan it-Titolu u f'dokumenti oħra ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikoli 4h u 4k(2);

(c) li jistabbilixxu l-mezzi ta' trażmissjoni għat-talbiet u għall-komunikazzjoni, jekk il-Kumitat Konġunt iqis li s-Sistema ta' Trażmissjoni Komuni approvata mill-OECD jenħtieġ li ma tibqax tintuża għall-komunikazzjoni dwar it-talbiet skont dan it-Titolu;

(d) li jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-kuntatti msemmija fl-Artikolu 4c;

(e) li jadottaw ir-regoli dwar il-konverżjoni tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati u dwar it-trasferiment tal-ammonti rkuprati;

(f) biex jiġu emendati r-referenzi għall-atti legali tal-Unjoni Ewropa u tal-Iżvizzera inklużi f'dan it-Titolu;

(g) li jiddeterminaw u jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-ammont li għalih Stat ma għandux ikun obbligat jagħti assistenza kif imsemmi fl-Artikolu 4m(2);

(h) li jiddeterminaw u jadottaw ir-regoli dwar id-data statistika li għandha tinġabar mill-Istati rigward l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu u fid-data li fiha l-Partijiet Kontraenti għandhom jikkomunikaw b'mezzi elettroniċi lill-Kumitat Konġunt lista ta' tali data statistika;

(i) li jiddeterminaw u jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri amministrattivi rigward l-eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru inklużi dispożizzjonijiet dwar l-imgħax għal arranġamenti ta' pagament tard u ta' pagament parzjali għad-debituri;

(j) li jiddeterminaw u jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri amministrattivi għat-tilwim imsemmi fl-Artikolu 4j;

(k) li jiddeterminaw u jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri amministrattivi rigward l-emendi jew l-irtirar ta' talbiet għall-assistenza għall-irkupru;

(l) li jistabbilixxu proċedura għall-konklużjoni ta' ftehim fil-livell tas-servizz, li jiżgura l-kwalità u l-kwantità tekniċi tas-servizzi għall-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, u għall-konklużjoni ta' ftehim fil-livell tas-servizz jekk ikun meħtieġ.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jopera bl-unanimità tal-Partijiet Kontraenti. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-Titolu.

Meta l-Partijiet Kontraenti jonqsu milli jilħqu ftehim biex jadottaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, kull Parti għandha taħtar rappreżentant u tidħol f'diskussjonijiet bilaterali biex issolvi b'mod amikevoli l-kwistjonijiet pendenti fi żmien 12-il xahar.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u jirrieżamina l-operat u l-effettività ta' dan it-Titolu kull ħames snin. Kull Parti Kontraenti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod alternat minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. Id-data u l-post ta' kull laqgħa, kif ukoll l-aġenda, għandhom jiġu ddeterminati bi ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti.

5. Jekk Parti Kontraenti tkun tixtieq li dan it-Titolu jiġi rivedut, hija għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt. L-emendi ta' dan it-Titolu għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi.

*ARTIKOLU 4q*

**L-użu tal-formoli standard għall-assistenza għall-irkupru skont ftehimiet oħra**

Il-formoli standard għat-talbiet skont dan it-Titolu u għad-dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 4h u fl-Artikolu 4k(2), adottati mill-Kumitat Konġunt, jistgħu jintużaw ukoll għall-assistenza għall-irkupru bejn Stat Membru u l-Iżvizzera fir-rigward ta' talbiet oħra li għalihom l-assistenza għall-irkupru hija possibbli skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, biex jiġu miġġielda l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra għad-detriment tal-interessi finanzjarji tagħhom, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004 (*), u għall-assistenza għall-irkupru bejn Stat Membru u l-Iżvizzera rigward talbiet oħra minbarra t-talbiet imsemmija fl-Artikolu 4b jekk tali assistenza tkun possibbli skont strumenti legalment vinkolanti oħra dwar l-assistenza għall-irkupru. L-użu u l-aċċettazzjoni ta' tali formoli standard għall-assistenza għall-irkupru li jikkonċernaw talbiet oħra, kif speċifikat f'dan il-paragrafu, ma jiddependux fuq konferma ta' din il-possibbiltà fil-ftehimiet l-oħra kkonċernati.

*ARTIKOLU 4r*

**Skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel**

Meta rifużjoni tat-taxxi jew tad-dazji jkollha x'taqsam ma' persuna stabbilita jew residenti fi Stat ieħor li fit-territorju tiegħu japplika dan it-Titolu, l-Istat minn fejn għandha ssir ir-rifużjoni jista' jinforma lill-Istat ta' stabbiliment jew ta' residenza bir-rifużjoni pendenti.

*ARTIKOLU 4s*

**Kooperazzjoni dwar kwistjonijiet oħra**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jesploraw l-assistenza reċiproka fl-irkupru ta' talbiet oħra tat-taxxa fi żmien perjodu ta' erba' snin wara l-ewwel jum ta' Jannar ta' wara l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025.

(*) ĠU UE L 46, 17.2.2009, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2009/127/oj.";

(9) l-intestatura li ġejja tiddaħħal qabel l-Artikolu 5:

"TITOLU 3

**DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TITOLU 1 U T-TITOLU 2";**

(10) l-intestatura li ġejja tiddaħħal wara l-Artikolu 6:

"TITOLU 4

**DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA";**

(11) l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima I, il-paragrafu A huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju u s-subparagrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Soġġett għall-paragrafi C sa F, kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jeħtiġilha tirrapporta lill-Awtorità Kompetenti tal-ġuriżdizzjoni tagħha (li tkun Stat Membru jew l-Iżvizzera) fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli ta' tali Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti:

1. l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-indirizz, il-ġuriżdizzjoni(jiet) ta' residenza (li tkun Stat Membru jew l-Iżvizzera), in-NIT (s) u d-data u l-post tat-twelid (fil-każ ta' individwu) ta' kull Persuna Rapportabbli li tkun Detentur ta' Kont tal-kont u jekk id-Detentur ta' Kont ikunx ipprovda awtoċertifikazzjoni valida;

(b) fil-każ ta' kwalunkwe Entità li tkun Detentur ta' Kont u li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta b'mod konsistenti mat-Taqsimiet V, VI u VII, tiġi identifikata bħala li għandha Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li hija Persuna Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, il-ġuriżdizzjoni (jiet) ta' residenza (li tkun Stat Membru, l-Iżvizzera jew ġuriżdizzjoni oħra), u n-NITs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, il-ġuriżdizzjoni(jiet) ta' residenza (li tkun Stat Membru jew l-Iżvizzera), in-NIT(s) u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Rapportabbli, kif ukoll ir-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità u jekk tkunx ġiet ipprovduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull Persuna Rapportabbli; u

(c) jekk il-kont huwiex kont konġunt, inkluż l-għadd ta' Detenturi ta' Kontijiet konġunti;

2. in-numru tal-kont (jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' numru tal-kont), it-tip ta' kont u jekk il-kont huwiex Kont Preeżistenti jew Kont Ġdid;"

(ii) jitħassar it-terminu "u" fl-aħħar tas-subparagrafu 6;

(iii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara s-subparagrafu 6:

"6a. fil-każ ta' kwalunkwe Interess ta' Ekwità miżmum f'Entità ta' Investiment li huwa arranġament legali, ir-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom il-Persuna Rapportabbli tkun detentur ta' Interess ta' Ekwità; u";

(b) fit-Taqsima I, il-paragrafu C huwa sostitwit b'dan li ġej:

"C. Minkejja s-subparagrafu A(1), fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jkun Kont Preeżistenti, in-NIT(s) jew id-data tat-twelid ma jkunux meħtieġa li jiġu rrapportati jekk dawn in-NIT(s) jew id-data tat-twelid ma jkunux fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u ma jkunux meħtieġa li jinġabru b'mod ieħor minn din l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti skont il-liġi domestika jew kwalunkwe strument legali tal-Unjoni Ewropea (jekk applikabbli). Madankollu, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hija meħtieġa li tuża sforzi raġonevoli biex tikseb in-NIT(s) u d-data tat-twelid fir-rigward ta' Kontijiet Preeżistenti sa tmiem it-tieni sena kalendarja wara s-sena li fiha l-Kontijiet Preeżistenti ġew identifikati bħala Kontijiet Rapportabbli u kull meta jkun meħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni relatata mal-Kont Preeżistenti skont il-Proċeduri tal-AML/KYC domestiċi.";

(c) fit-Taqsima I, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"F. Minkejja s-subparagrafu A(5)(b) u sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tagħżilx mod ieħor fir-rigward ta' kwalunkwe grupp ta' kontijiet identifikat b'mod ċar, ir-rikavat gross mill-bejgħ jew mit-tifdija ta' Assi Finanzjarju ma jkunx meħtieġ li jiġi rrapportat sa fejn tali rikavat gross mill-bejgħ jew mit-tifdija ta' tali Assi Finanzjarju jiġi rrapportat mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti skont il-Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi.";

(d) fit-Taqsima VI, is-subparagrafu A(2)(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Id-Determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur ta' Kont. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur ta' Kont, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' tibbaża fuq informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri tal-AML/KYC, dment li dawn il-proċeduri jkunu konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF (Financial Action Task Force) tal-2012. Jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tkunx legalment meħtieġa li tapplika l-Proċeduri tal-AML/KYC li huma konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF tal-2012, din trid tapplika proċeduri sostanzjalment simili għall-fini tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti.";

(e) fit-Taqsima VII, il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu A:

"Aa. Nuqqas temporanju ta' awtoċertifikazzjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali meta l-awtoċertifikazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti fir-rigward ta' Kont Ġdid fil-ħin biex jiġu ssodisfati l-obbligi tad-diliġenza dovuta u tar-rapportar tagħha fir-rigward tal-perjodu ta' rapportar li matulu jkun infetaħ il-kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jeħtiġilha tapplika l-proċeduri tad-diliġenza dovuta għall-Kontijiet Preeżistenti, sakemm tinkiseb u tiġi vvalidata din l-awtoċertifikazzjoni.";

(f) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu A(5) sa (7) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. It-terminu 'Istituzzjoni Depożitorja' jfisser kwalunkwe Entità li:

(a) taċċetta depożiti fil-kors ordinarju ta' negozju bankarju jew negozju simili; jew

(b) ikollha Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati jew Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali għall-benefiċċju tal-klijenti.

6. It-terminu 'Entità ta' Investiment' ifisser kwalunkwe Entità:

(a) li primarjament twettaq bħala negozju, attività jew operazzjoni waħda jew aktar mill-attivitajiet jew operazzjonijiet li ġejjin għal klijent jew f'ismu:

(i) negozjar fi strumenti tas-suq monetarju (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati tad-depożitu, derivattivi, eċċ.); muniti barranin; strumenti tal-kambju, tar-rati tal-imgħax u tal-indiċi; titoli trasferibbli; jew negozju tal-futuri tal-komoditajiet;

(ii) ġestjoni ta' portafolli individwali u kollettivi; jew

(iii) investiment, amministrazzjoni, jew ġestjoni b'xi mod ieħor ta' Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rilevanti f'isem persuni oħrajn; jew

(b) li l-introjtu gross tagħha jkun attribwibbli primarjament għall-investiment, l-investiment mill-ġdid jew in-negozjar f'Assi Finanzjarji jew Kriptoassi Rilevanti, jekk l-Entità hija ġestita minn Entità oħra li tkun Istituzzjoni Depożitorja, Istituzzjoni ta' Kustodja, Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata, jew Entità ta' Investiment deskritta fis-subparagrafu A(6)(a).

Entità tiġi ttrattata bħala li primarjament twettaq bħala negozju waħda jew aktar mill-attivitajiet deskritti fis-subparagrafu A(6)(a), jew introjtu gross ta' Entità jiġi primarjament attribwibbli għal investiment, investiment mill-ġdid, jew negozjar f'Assi Finanzjarji jew Kriptoassi Rilevanti għall-finijiet tas-subparagrafu A (6)(b), jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għall-attivitajiet rilevanti jkun 50 % jew aktar tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn: (i) il-perjodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew (ii) il-perjodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti. Għall-finijiet tas-subparagrafu A(6)(a)(iii), it-terminu 'investiment, amministrazzjoni, jew ġestjoni b'xi mod ieħor ta' Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rilevanti f'isem persuni oħrajn' ma jinkludix il-forniment ta' servizzi li jwettqu Tranżazzjonijiet ta' Skambju għall-klijenti jew f'isimhom. It-terminu 'Entità ta' Investiment' ma jinkludix Entità li tkun NFE Attiva għaliex dik l-Entità tissodisfa kwalunkwe kriterju fis-subparagrafi D(9)(d) sa (g).

Dan il-paragrafu għandu jkun interpretat b'mod li jkun konsistenti ma' lingwaġġ simili stipulat fid-definizzjoni ta' 'istituzzjoni finanzjarja' fir-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

7. It-terminu 'Assi Finanzjarju' jinkludi titolu (pereżempju, sehem minn stokk f'korporazzjoni; sħubija jew interess fuq sjieda benefiċjarja fi sħubija jew fiduċjarja b'parteċipazzjoni wiesgħa jew innegozjata pubblikament; kambjala, bond, titolu obbligazzjonarju, jew evidenza oħra ta' dejn), interess fi sħubija, komodità, swap (pereżempju, swaps tar-rati tal-imgħax, swaps tal-valuti, swaps varjabbli għal varjabbli, limiti massimi tar-rati tal-imgħax, rati tal-imgħax minimi (interest rate floors), swaps tal-komoditajiet, swaps tal-ekwità, swaps tal-indiċi tal-ekwità, u ftehimiet simili), Kuntratt tal-Assigurazzjoni jew Kuntratt tal-Vitalizju, jew kwalunkwe imgħax (inkluż kuntratt jew opzjoni tal-futuri jew forward) f'titolu, Kriptoassi Rapportabbli, interess fi sħubija, komodità, swap, Kuntratt tal-Assigurazzjoni, jew Kuntratt tal-Vitalizju. It-terminu 'Assi Finanzjarju' ma jinkludix interess dirett mingħajr dejn fi proprjetà immobbli.";

(g) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafi li ġejjin jiżdiedu wara s-subparagrafu A(8):

"9. It-terminu 'Prodott ta' Ħlas Elettroniku Speċifikat' ifisser kwalunkwe prodott li huwa:

(a) rappreżentazzjoni diġitali ta' Munita ta' Kors Legali waħda;

(b) maħruġ mal-wasla ta' fondi għall-fini li jsiru tranżazzjonijiet ta' pagament;

(c) irrappreżentat minn talba fuq l-emittent denominat fl-istess Munita ta' Kors Legali;

(d) aċċettat bħala pagament minn persuna fiżika jew ġuridika għajr l-emittent; u

(e) bis-saħħa ta' rekwiżiti regolatorji li għalihom huwa soġġett l-emittent, jista' jinfeda fi kwalunkwe ħin u b'parità għall-istess Munita ta' Kors Legali fuq talba tad-detentur tal-prodott.

It-terminu 'Prodott ta' Ħlas Elettroniku Speċifikat' ma jinkludix prodott maħluq għall-fini uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi minn klijent lil persuna oħra skont l-istruzzjonijiet tal-klijent. Prodott ma jkunx maħluq għall-fini uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi jekk, fil-kors ordinarju tan-negozju tal-Entità trasferenti, jew il-fondi marbuta ma' dan il-prodott jinżammu għal aktar minn 60 jum wara li jiġu riċevuti l-istruzzjonijiet biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment, jew, jekk ma tasal l-ebda struzzjoni, il-fondi marbutin ma' dan il-prodott jinżammu għal aktar minn 60 jum wara li jiġu riċevuti l-fondi.

10. It-terminu 'Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali' jfisser kwalunkwe Munita ta' Kors Legali diġitali maħruġa minn Bank Ċentrali, jew minn awtorità monetarja oħra.

11. It-terminu 'Munita ta' Kors Legali' jfisser il-munita uffiċjali ta' ġuriżdizzjoni, maħruġa minn ġuriżdizzjoni jew mill-Bank Ċentrali jew mill-awtorità monetarja maħtura minn ġuriżdizzjoni, kif irrappreżentata minn karti tal-flus jew muniti fiżiċi jew minn flus f'forom diġitali differenti, inklużi riżervi bankarji jew Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali. It-terminu jinkludi wkoll il-flus tal-banek kummerċjali u l-prodotti ta' ħlas elettroniku (inklużi l-Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati).

12. It-terminu 'Kriptoassi' jfisser rappreżentazzjoni diġitali ta' valur li tiddependi fuq reġistru distribwit magħmul sigur bil-kriptografija jew teknoloġija simili għall-validazzjoni u t-twettiq sigur tat-tranżazzjonijiet.

13. It-terminu 'Kriptoassi Rilevanti' jfisser kwalunkwe Kriptoassi għajr Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali, Prodott ta' Ħlas Elettroniku Speċifikat jew kwalunkwe Kriptoassi li għalih il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi tar-Rapportar ikun iddetermina b'mod adegwat li ma jistax jintuża għal finijiet ta' pagament jew ta' investiment.

14. It-terminu 'Tranżazzjoni ta' Skambju' jfisser kwalunkwe:

(a) skambju bejn il-Kriptoassi Rilevanti u l-Muniti ta' Kors Legali; u

(b) skambju bejn forma waħda jew aktar ta' Kriptoassi Rilevanti.";

(h) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu B(1)(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali, għajr:

(i) fir-rigward ta' pagament li jkun derivat minn obbligu li jkun hemm f'konnessjoni ma' attività finanzjarja kummerċjali tat-tip li tkun attiva fiha Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata, Istituzzjoni ta' Kustodja, jew Istituzzjoni Depożitorja; jew

(ii) fir-rigward tal-attività taż-żamma tal-Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali għad-Detenturi ta' Kontijiet li ma humiex Istituzzjonijiet Finanzjarji, Entitajiet Governattivi, Organizzazzjonijiet Internazzjonali jew Banek Ċentrali.";

(i) fit-Taqsima VIII, jitħassar it-terminu "jew" fl-aħħar tas-subparagrafu B(1)(d);

(j) fit-Taqsima VIII, il-punt fl-aħħar tas-subparagrafu B(1)(e) huwa sostitwit b'punt u virgola, u t-terminu "jew" jiżdied wara;

(k) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu li ġej jiżdied wara s-subparagrafu B(1)(e):

"(f) Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikata Żvizzera.";

(l) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu li ġej jiżdied wara s-subparagrafu B(9):

"10. It-terminu 'Entità Mingħajr Skop ta' Qligħ Kwalifikata Żvizzera' jfisser Entità residenti fl-Iżvizzera li tkun kisbet konferma minn awtorità kompetenti Żvizzera li tali Entità tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) hija stabbilita u topera fl-Iżvizzera esklużivament għal finijiet reliġjużi, ta' karità, xjentifiċi, artistiċi, kulturali, atletiċi, jew edukattivi; jew hija stabbilita u topera fl-Iżvizzera u hija organizzazzjoni professjonali, league tan-negozju, kamra tal-kummerċ, organizzazzjoni tax-xogħol, organizzazzjoni agrikola jew ortikulturali, league ċiviku jew organizzazzjoni mħaddma esklużivament għall-promozzjoni tal-benessri soċjali;

(b) hija eżentata mit-taxxa fuq l-introjtu fl-Iżvizzera;

(c) ma għandha l-ebda azzjonist jew membru li għandu interess proprjetarju jew benefiċjarju fl-introjtu jew fl-assi tagħha;

(d) il-liġijiet applikabbli tal-Iżvizzera jew id-dokumenti tal-formazzjoni tal-Entità ma jippermettu li jitqassam l-ebda introjtu jew assi tal-Entità, jew jiġu applikati għall-benefiċċju ta' persuna privata jew Entità mhux ta' karità għajr skont l-aġir tal-attivitajiet ta' karità tal-Entità, jew bħala pagament ta' kumpens raġonevoli għal servizzi mogħtija, jew bħala pagament li jirrappreżenta l-valur tas-suq ġust ta' proprjetà li tkun xtrat l-Entità; u

(e) il-liġijiet applikabbli tal-Iżvizzera jew id-dokumenti tal-formazzjoni tal-Entità jirrikjedu li, mal-likwidazzjoni jew max-xoljiment tal-Entità, l-assi kollha tagħha jitqassmu lil Entità Governattiva jew lil Entità oħra li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'(a) sa (e), jew jiġu ttrasferiti *bona vacantia* lill-gvern tal-Iżvizzera jew lil kwalunkwe suddiviżjoni politika tiegħu.";

(m) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu C(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-terminu 'Kont Depożitarju' jinkludi kwalunkwe kont kummerċjali, kurrenti, ta' tfaddil, fiss, jew thrift, jew kont li huwa evidenzjat minn ċertifikat ta' depożitu, ċertifikat ta' thrift, ċertifikat ta' investiment, ċertifikat ta' dejn, jew strument ieħor simili miżmum minn Istituzzjoni Depożitorja. Kont Depożitarju jinkludi wkoll:

(a) ammont miżmum minn kumpanija tal-assigurazzjoni skont kuntratt ta' investiment garantit jew ftehim simili biex jitħallas jew jiġi akkreditat imgħax fuqu;

(b) kont jew kont nozzjonali li jirrappreżenta l-Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati kollha miżmuma għall-benefiċċju ta' klijent; u

(c) kont li għandu Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali waħda jew aktar għall-benefiċċju ta' klijent.";

(n) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu C(9)(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mill-31 ta' Diċembru ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju tas-27 ta' Mejju 2015 jew, jekk il-kont jiġi ttrattat bħala Kont Finanzjarju biss bis-saħħa tal-emendi ta' dan il-Ftehim magħmula mill-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025 mill-31 ta' Diċembru ta' qabel id-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan l-aħħar Protokoll Emendatorju.";

(o) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu C(10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. It-terminu 'Kont Ġdid' ifisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti miftuħ dakinhar tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju tas-27 ta' Mejju 2015 jew wara, jew, jekk il-kont jiġi ttrattat bħala Kont Finanzjarju biss bis-saħħa tal-emendi ta' dan il-Ftehim magħmula mill-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025, fid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll Emendatorju jew wara, sakemm ma jiġix ittrattat bħala Kont Preeżistenti skont id-definizzjoni estiża ta' Kont Preeżistenti fis-subparagrafu C(9).";

(p) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara s-subparagrafu C(17)(e)(iv):

"(v) fondazzjoni jew żieda fil-kapital ta' kumpanija dment li l-kont jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— il-kont jintuża esklużivament għad-depożitu ta' kapital li għandu jintuża għall-fini tal-fondazzjoni jew taż-żieda fil-kapital ta' kumpanija, kif preskritt mil-liġi;

— kwalunkwe ammont miżmum fil-kont jiġi mblukkat sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tikseb konferma indipendenti rigward il-fondazzjoni jew iż-żieda fil-kapital;

— il-kont jingħalaq jew jiġi ttrasformat f'kont f'isem il-kumpanija wara l-fondazzjoni jew iż-żieda fil-kapital;

— kwalunkwe ripagament li jirriżulta minn fondazzjoni jew minn żieda fil-kapital li ma tkunx irnexxiet, netti mill-fornitur tas-servizz u tariffi simili, isir biss lill-persuni li kkontribwew l-ammonti; u

— il-kont ma jkunx ilu li ġie stabbilit aktar minn 12-il xahar.";

(q) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara s-subparagrafu C(17)(e):

"(ea) Kont Depożitarju li jirrappreżenta l-Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati kollha miżmuma għall-benefiċċju ta' klijent, jekk il-medja rikorrenti ta' 90 jum tal-bilanċ jew tal-valur aggregat tal-kont fi tmiem il-jum matul kwalunkwe perjodu ta' 90 jum konsekuttiv ma tkunx qabżet USD 10 000 jew ammont ekwivalenti denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru jew tal-Iżvizzera fi kwalunkwe jum matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rapportar xieraq ieħor.";

(r) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu D(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-terminu 'Persuna Rapportabbli' tfisser Persuna ta' ġuriżdizzjoni Rapportabbli għajr: (i) Entità li l-istokk tagħha jiġi nnegozjat b'mod regolari f'suq tat-titoli stabbilit jew aktar minn wieħed; (ii) kwalunkwe Entità li hija Entità Relatata ta' Entità deskritta fil-klawżola (i); (iii) Entità Governattiva; (iv) Organizzazzjoni Internazzjonali; (v) Bank Ċentrali; jew (vi) Istituzzjoni Finanzjarja.";

(s) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu D(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) kwalunkwe ġuriżdizzjoni oħra: (i) li magħha l-Istat Membru rilevanti jew l-Iżvizzera, skont kif jirrikjedi l-kuntest, ikollha ftehim fis-seħħ li skontu dik il-ġuriżdizzjoni l-oħra tipprovdi l-informazzjoni speċifikata fit-Taqsima I; u (ii) li hija identifikata f'lista ppubblikata minn dak l-Istat Membru jew mill-Iżvizzera.";

(t) fit-Taqsima VIII, is-subparagrafu li ġej jiżdied wara s-subparagrafu E(6):

"7. It-terminu 'Servizz ta' Verifika tal-Gvern' ifisser proċess elettroniku magħmul disponibbli mingħajr ħlas minn Ġuriżdizzjoni Rapportabbli lil Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għall-finijiet tal-aċċertar tal-identità u tar-residenza tat-taxxa ta' Detentur ta' Kont jew ta' Persuna Kontrollanti.";

(u) it-taqsima li ġejja tiżdied wara t-Taqsima IX:

"TAQSIMA X

**MIŻURI TRANŻIZZJONALI**

Minkejja s-subparagrafu A(1)(b) u A(6a) tat-Taqsima I, fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jinżamm minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mill-31 ta' Diċembru ta' qabel id-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025 u għall-perjodi ta' rapportar li jintemmu sat-tieni sena kalendarja wara dik id-data, l-informazzjoni fir-rigward tar-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom kull Persuna Rapportabbli hija Persuna Kontrollanti jew detentur ta' Interess ta' Ekwità tal-Entità hija meħtieġa li tiġi rrapportata biss jekk tali informazzjoni tkun disponibbli fid-data li tista' tiġi mfittxija b'mod elettroniku miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti.";

(12) fl-Anness III, jitħassar is-subparagrafu (ac);

(13) id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar il-Ftehim u l-Annessi hija sostitwita b'dan li ġej:

"DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARTIJIET KONTRAENTI DWAR IL-FTEHIM U L-ANNESSI

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-Annessi kif emendati mill-Protokoll Emendatorju tal-20 ta' Ottubru 2025, li l-Kummentarji tal-Mudell ta' Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-OECD u l-Istandard Komuni ta' Rapportar, kif ukoll il-Kummentarji tal-Addendum tal-2023 tal-Mudell ta' Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-OECD u tal-aġġornament tal-2023 għall-Istandard Komuni ta' Rapportar, jenħtieġ li jkunu sors ta' spjegazzjoni jew interpretazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni.";

(14) id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim hija sostitwita b'dan li ġej:

"DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARTIJIET KONTRAENTI DWAR L-ARTIKOLU 5 TAL-FTEHIM

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-Artikolu 5 tal-Ftehim huwa allinjat mal-aħħar standard tal-OECD dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet fiskali minqux fl-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD. Għalhekk, il-Partijiet Kontraenti jaqblu, rigward l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5, li l-kummentarju dwar l-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD fuq l-Introjtu u fuq il-Kapital jenħtieġ li jkun sors ta' interpretazzjoni.".

*ARTIKOLU 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan il-Protokoll Emendatorju għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara n-notifika mill-Partijiet Kontraenti li jkunu lestew il-proċeduri rispettivi tagħhom.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2026, soġġett għal notifika minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti lill-oħra sal-31 ta' Diċembru 2025 tat-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għal tali applikazzjoni provviżorja, l-emendi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll Emendatorju dwar l-artikoli tal-Ftehim, l-annessi tal-Ftehim u d-dikjarazzjonijiet li ġejjin, sakemm jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll Emendatorju:

— l-Artikolu 1(1), is-subparagrafi (m) u (u);

— l-Artikolu 2;

— l-Artikolu 3;

— l-Artikolu 4p;

— l-Anness I;

— l-Anness III;

— id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-Partijiet Kontraenti.

3. Minkejja l-paragrafu 1, it-Titolu 2, ħlief l-Artikolu 4p, tal-Ftehim kif emendat b'dan il-Protokoll Emendatorju għandu japplika mill-ewwel jum ta' Jannar tal-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll Emendatorju fir-rigward tat-talbiet tat-taxxa li jitqajmu wara l-ewwel jum ta' Jannar wara l-iffirmar ta' dan il-Protokoll Emendatorju.

*ARTIKOLU 3*

**Lingwi**

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, u kull test ikun awtentiku ugwalment.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Protokoll Emendatorju.

Съставено в Брюксел на двадесети октомври две хиляди двадесет и пета година.

Hecho en Bruselas, el veinte de octubre de dos mil veinticinco.

V Bruselu dne dvacátého října dva tisíce dvacet pět.

Udfærdiget i Bruxelles den tyvende oktober to tusind og femogtyve.

Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Oktober zweitausendfünfundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne viienda aasta oktoobrikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι Οκτωβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.

Done at Brussels on the twentieth day of October in the year two thousand and twenty five.

Fait à Bruxelles, le vingt octobre deux mille vingt-cinq.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an fichiú lá de Dheireadh Fómhair sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadesetog listopada godine dvije tisuće dvadeset pete.

Fatto a Bruxelles, addì venti ottobre duemilaventicinque.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada divdesmitajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų spalio dvidešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év október havának huszadik napján.

Magħmul fi Brussell, fl-għoxrin jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, twintig oktober tweeduizend vijfentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego października roku dwa tysiące dwudziestego piątego.

Feito em Bruxelas, em vinte de outubro de dois mil e vinte e cinco.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci octombrie două mii douăzeci şi cinci.

V Bruseli dvadsiateho októbra dvetisícdvadsaťpäť.

V Bruslju, dvajsetega oktobra dva tisoč petindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.

Som skedde i Bryssel den tjugonde oktober år tjugohundratjugofem.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Конфедерация Швейцария
Por la Confederación Suiza
Za Švýcarskou konfederaci
For Det Schweiziske Forbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Šveitsi Konföderatsiooni nimel
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Thar ceann Cónaidhm na hEilvéise
Za Švicarsku Konfederaciju
Per la Confederazione Svizzera
Šveices Konfederācijas vārdā –
Šveicarijos Konfederacijos vardu
A Svájci Államszövetség részéről
Għall-Konfederazzjoni Żvizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
W imieniu Konfederacji Szwajcarskiej
Pela Confederação Suíça
Pentru Confederaţia Elveţiană
Za Švajčiarsku konfederáciu
Za Švicarsko konfederacijo
Sveitsin valaliiton puolesta
För Schweiziska edsförbundet